MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 355/2004

**Paul Bugeja**

***Versus***

**Anthony Xerri**

Din hija azzjoni ta’ manutenzjoni fit-tgawdija ta’ spiera.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur għandu żewġ spieri antiki, irreġistrati ma’ l-awtoritajiet kompetenti, qrib għelieqi ta’ madwar tlieta u għoxrin tomna u nofs f’*Il-Ħammieri*, limiti ta’ Ħal Qormi.
Il-konvenut ħaffer b’mod illi aċċeda għal din l-ispiera u qiegħed jieħu jew jippompja ilma minnha, biex jinqeda bih hu, mingħajr ma kiseb il-permess ta’ l-attur. Minħabba dan l-għemil tal-konvenut l-attur ma jistax jinqeda bl-ispiera kif kien jagħmel qabel għax parti sew mill-volum ta’ ilma li kien jippompja hu qabel issa qiegħed jieħdu l-konvenut bla ma għandu jedd għalih.
B’hekk, igħid l-attur, il-konvenut qiegħed jimmolestah fit-tgawdija tal-jeddijiet tiegħu, u din il-molestja seħħet matul

l-aħħar sena qabel ma nfetħet il-kawża, kif igħid l-art. 534 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attur għandu l-pussess ta' l-ispiera fuq imsemmija, u għandu jinżamm fil-pussess kif igħid l-art. 534 tal-Kodiċi Ċivili;
2. tgħid illi l-konvenut għamel molestja u spoll kontra l-attur matul l-aħħar sena qabel ma nfetħet il-kawża, kif igħid l-art. 534 fuq imsemmi;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jingħatalu huwa jerġa' jqiegħed l-ispiera kif kienet qabel l-ispoll u l-molestja, partikolarment billi jagħlaq kull aċċess li fetaħ għaliha; u
4. jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien li jingħatalu, tagħti lill-attur is-setgħa li jagħmel hu x-xogħlijiet meħtieġa u ordnati mill-qorti, bi flus il-konvenut.

Talab ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni ta' l-attur waqgħet bi preskrizzjoni għax saret wara ż-żmien li tagħti l-liġi;
2. l-attur qiegħed "jeżerċita b'mod imħallat" l-*actio rei vindicatoria*, u għalhekk imiss lilu li jagħmel prova tat-titolu tiegħu ta' proprjetà;
3. il-konvenut għandu jedd ta' proprjetà fuq l-ispiera li tinsab taħt il-proprjetà tiegħu;
4. il-pussess esklużiv li jippretendi l-attur "m'hu bl-ebda mod sostenibbli";
5. il-konvenut ma għamel ebda spoll, u għalhekk il-kawża saret ħażin minħabba fil-konfużjoni li hemm fiċ-ċitazzjoni bejn l-art. 534 u 535 tal-Kodiċi Ċivili;
6. l-ispiera tinsab fil-proprjetà tal-konvenut, vertikalment taħt il-fond tiegħu, u għalhekk għandu jedd skond il-liġi li jinqeda biha;
7. il-konvenut irreġistra l-ispiera kif trid il-liġi fis-7 ta' Diċembru 2001, bin-numru 3351, mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma; u
8. il-konvenut ilu snin sħaħ jinqeda bl-ilma kif għandu jedd li jagħmel.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Fl-art ta' l-attur hemm spiera illi l-attur u l-awturi tiegħu ilhom ħafna snin jieħdu l-ilma minnha. Xi snin qabel ma nfetħet il-kawża l-konvenut ħaffer spiera oħra, fl-art tiegħu, u din l-ispiera tieħu l-ilma mill-istess vina li twassal sal-

ispiera ta' l-attur. Bħala konsegwenza, billi issa l-konvenut ukoll beda jieħu l-ilma mill-istess vina, il-volum ta' ilma naqas. Meta l-attur ra hekk, irraġuna illi l-konvenut qiegħed jieħu mill-ilma tiegħu u għalhekk fetaħ din il-kawża illi hija azzjoni ta' manutenzjoni taħt l-art. 534 tal-Kodiċi Ċivili.

Minn dawn il-fatti jidher mill-ewwel illi l-azzjoni ta' l-attur ma tistax tirnexxi, għal aktar minn raġuni waħda.

L-ewwelnett, l-azzjoni ta' manutenzjoni trid illi l-attur ikollu l-pussess tal-ħaġa. Fil-każ tallum, għalkemm l-attur għandu l-pussess ta' l-ispiera u ta' l-ilma li hemm fiha, ma għandux ukoll il-pussess tal-vini ta' l-ilma – li jgħaddu wkoll minn taħt l-art ta' ħaddieħor – li jwasslu l-ilma għal dik l-ispiera. Il-konvenut ma ħaffirx ġo l-art ta' l-attur u ma niffidx ma' l-ispiera tiegħu; niffed biss mal-vina ta' ilma taħt l-art tiegħu stess.

Għalhekk jonqos l-element ta' pussess meħtieġ biex tkun tista' tirnexxi l-azzjoni.

Barra minn hekk, mix-xhieda ħareġ illi l-konvenut ħaffer l-ispiera tiegħu aktar minn sena qabel ma nfetħet il-kawża, u għalhekk, kif tgħid l-ewwel eċċezzjoni, l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni, jew, aħjar, b'dekadenza.

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija għalhekk milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------